## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**vs**
**Martin Zammit**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta` Martin Zammit, iben Carmelo u Philippa nee Agius u li joqgħod Belle de Jour, Flat 1, Triq Ħal-Mula, Ħaż-Żebbuġ u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 4184M u li permezz tagħha ġie imħarrek talli nhar is-17 ta' Jannar, 2014 għall-ħabta ta' 12:00 fi Triq Ramija, s-Siġġiewi :

1. Volontarjament kiser il-bonordni u l-paci pubblika b'għajjat u ġlied;
2. Inġurja jew hedded lil Gwardjana Lokali G630 Maria Mifsud persuna inkarigata minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz jew bil—ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-Liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. Talli naqas milli jobdi ordnijiet leġittimi t'awtorita jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien jagħmel dawk id-dmirijiet jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirijiet u billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li bil-liġi kien ordnat jew jista jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-Liġi.

Il-Qorti ġiet mitluba tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet lill-Avukat Difensur jissolleva l-preġudizzjali tan-*ne bis in idem* in kwantu f'dan il-każ, jirriżulta, anke skont dak li xehdet il-Gwardjana Lokali stess, li kienu diġa ttieħdu proċeduri oħra kontra tal-imputat quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja.

Il-Qorti rat li skont dak li xehdet il-Gwardjana Lokali jirriżulta li fid-data, lok u ħin in kwistjoni l-imputat kien ġie imħarrek minnha talli ma kellux in-number plate imwaħħal fuq il-vann użat minnu kif ukoll talli kien qiegħed jikkawża ostruzjoni fit-triq fejn kien. Skont din ix-xiehda, jirriżulta li l-azzjoni kontra l-imputat quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja ittieħdet u kien ġie liberat mill-kontravvenzjoni tal-ostruzjoni mentri dwar il-kontravvenzjoni tan-number plate ma kienetx taf jekk ħallashiex jew le.

Skont ix-xiehda tal-Gwardjana Lokali, l-iter tal-fatti kien is-segwenti : - Il-Gwardjana Lokali innotat li l-imputat kellu n-number plate tal-vann ma kienx imwaħħal fil-post fejn suppost kellu jkun imwaħħal għax kien maqlugħ u mitfugħ fuq id-dashboard tal-vann mgħotti b'xi

karti. Meta rat dan, hija ħarġitlu t-ticket minħabba li ma kellux in-number plate imwaħħal fil-post fejn suppost ikun imwaħħal. Meta hija ħarkitu, l-imputat beda joffendiha u jkellimha ħażin bi kliem oxxen. Anzi l-imputat beda jirrifjuta li jirċievi dan it-ticket mingħandha u beda dieħel u ħiereġ fil-ħanut tiegħu jidgħi, joffendiha u jitkellem ħażin. Wara li rat li beda jirrifjuta li joqgħod għal dak li hija kienet qegħda tħarku għalih, il-Gwardjana Lokali ħadet id-deċiżjoni li toħroġlu ticket ta' kontravvenzjoni oħra minħabba li kien qiegħed joħloq ostruzzjoni fit-triq għaliex hu "ma neħħiex il-vann" mill-post fejn kien skont kif kienet ordnatlu jagħmel.

Sussegwentement, wara li ttieħdu proċeduri quddiem il-Kummissarju Għall-Ġustizzja kontra l-imputat fil-parametri hawn fuq imsemmija, ġew ukoll istitwiti proċeduri penali kontrih quddiem din il-Qorti bil-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija.

F'dan il-każ jirriżulta li kien hemm inċident fattwali wieħed fid-data, ħin u lok in kwistjoni bejn il-Gwardjana Lokali u l-imputat. Kif intqal fis-sentenza "Rex vs Rosaria Portelli"[1] : "La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresse non intende semplicemente il fatto storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso".

Fil-każ odjern il-fatt ġuridiku li l-imputat kellu n-number plate mhux imwaħħal fil-post fejn suppost kien imwaħħal huwa differenti minn dak il-kliem u l-atteġġjament li sussegwentement skatena l-azzjoni penali odjerna kontra l-imputat. Sa dak il-punt il-Qorti hija propensa li tapplika l-prinċipju imnissel mill-kawża "Il-Pulizija vs Salvatore Saliba"[2] fejn ġie ribadit li "biex jista' jingħad li hemm l-estinzjoni minħabba sentenza preċedenti hemm bżonn li jkun l-istess fatt fiżikament rigwardat (ara art. 521 Kap. 12) ; ma hux biżżejjed li jingħad li sar fl-istess kuntest ta' azzjoni, għaliex jista' jagħti l-każ li jsir fl-istess kuntest t'azzjoni, u ntant ikun materjalment distingwibbli". Il-fatt li l-imputat kellu n-number plate mhux imwaħħal huwa, fil-fehma tal-Qorti fatt materjalment distingwibbli minn dak li sussegwentement għall-għoti tat-ticket waslu biex jgħid kliem ħażin u dagħa eċċetra fil-konfront tal-Gwardjana Lokali u li nissel l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Dak li ħasseb lil Qorti huwa dak li seħħ wara li l-imputat irrifjuta li jirċievi l-ewwel ticket u li meta ordnat biex jagħmel dan mill-Gwardjana Lokali, l-imputat għażel li ma jċaqlaqx il-vann minn postu. Skont dak li qalet il-Gwardjana Lokali, meta rat hekk hija qalet : "wara ħriġtlu t-tieni ticket ta' ostruzzjoni għaliex ma neħħiex il-vann". Jiġifieri dak li xpruna lill-Gwardjana Lokali li toħroġ it-tieni ticket t'ostruzzjoni kien il-fatt li l-imputat m'obdiex l-ordni leġittima tagħha li jneħħi l-vann minn dak il-lok li kien, almenu skontha, qiegħed joħloq l-ostruzzjoni. Ir-rabta fattwali bejn in-nuqqas ta' ħarsien immedjat u bla protesti tal-ordni leġittima u l-konsegwenti taħrika għal ostruzzjoni għamlitha l-Gwardjana Lokali stess kemm dakinhar tal-inċident kif ukoll tennietha quddiem il-Qorti.

Il-Qorti tħoss li fuq il-mod ta' kif mexxiet il-Prosekuzzjoni għandha tagħmel is-segwenti osservazzjoni. L-ewwel nett il-Qorti tħoss li ma tistax tispigola bejn imputazzjoni u oħra ladarba l-imputazzjonijiet quddiemha ġew preżentati f'kuntest t'azzjoni penali waħdanija.

---

[1] Deċiża mill-Qorti Kriminali nhar it-23 ta' Frar, 1904, Volum XIX, Parti IV, Paġna 1

[2] Deċiża mill-Qorti Kriminali (Sede Appell) nhar it-28 ta' Frar 1953

It-tieni nett, l-imputat kien ġie liberat minn quddiem il-Kummissarju Għall-Ġustizzja fir-rigward tal-kontravvenzjoni tal-ostruzjoni. Din il-kontravvenzjoni kienet inħarġet minħabba l-fatt li l-imputat m'obdiex l-ordni leġittima li għamlitlu l-Gwardjana biex iċaqlaq il-vann tiegħu mill-post fejn kien. Hawnhekk il-Qorti tara rabta fattwali bejn iż-żewġt sitwazzjonijiet. Fin-Noti tal-Professur Sir Anthony J. Mamo jingħad li "In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgment is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations."

Issa f'dan il-każ, tenut kont tal-proċeduri li ttieħdu kontra l-imputat quddiem il-Kummissarju Għall-Ġustizzja (u għalhekk in-natura ta' din l-Awtorita); il-fatt li ġie mixli bi ksur ta' Liġi ossija l-Avviż Legali 128 tal-1994 (li fis-sustanza tagħha hija ta' natura kriminali) u l-piena li għaliha setgħa ġie kundannat f'każ li kieku ġie misjub ħati l-imputat quddiem il-Kummissarju Għall-Ġustizzja (penali li ma jkunx iżjed mill-ammont tal-multa jew ammenda skont il-każ), fid-dawl ta' dak mistqarr mill-Qorti Kostituzzjonali fl-atti tar-referenza tat-30 ta' Mejju 2003 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit et"[3] din il-Qorti hija konvinta li mill-mod ta' kif żvolġiet il-prosekuzzjoni f'dan il-każ, ma tqisx li tista' b'mod "safe and satisfactory" tkompli tipproċedi b'din il-proċedura. Huwa minnu li l-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid :

**10.** (1) Meta Kummissarju jiddeċiedi li l-persuna akkużata ma tkunx ħatja tar-reat imniżżel fl-Iskeda speċifikat fl-akkuża, il- persuna li dwarha tapplika d-deċiżjoni ma tkunx suġġetta, dwar dak ir-reat, għal proċeduri oħra wara quddiem Kummissarji jew quddiem xi qorti.

U għalhekk jirreferi għal "dak ir-reat" – u mhux dak il-"fatt" bħal ma jgħid l-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda din il-Qorti hija marbuta bl-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali u sejra tapplikah prinċipalment minħabba l-fatt li mill-mument li l-imputat ingħata l-ordni leġittima minn Uffiċjal Pubbliku biex iċaqlaq il-vettura tiegħu u huwa m'obdiex u kompla jippersisti fil-kliem ħażin, dagħa, offiżi u inġurji kontra l-Gwardjana Lokali G630, tant li l-Gwardjana Lokali ħasset li kellha tħarku wkoll fuq l-ostruzjoni bħala konsegwenza ta' dan l-aġir intransigent tiegħu, huwa kellu jkun mixli quddiem il-forum kompetenti bil-vjolazzjonijiet kollha li tnislu minn dan il-fatt. Il-Prosekuzzjoni ma kellhiex tispigola imputazzjonijiet ta' natura penali minn oħrajn u tipprosegwixxi bihom quddiem fora differenti ladarba l-fatt u l-kuntest ġuridiku li issa jkunu tnisslu fihom kienu, jew bħal f'dan il-każ ikunu saru, identiċi.

***GĦALDAQSTANT : -***

Il-Qorti qegħdha tilqa' l-preġudizzjali sollevata tan-ne bis in idem u tiddikjara l-proċediment estint.

***Moghtija illum it-3 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Magistrat Aaron M. Bugeja.***

---

[3] Deċiża nhar l-10 ta' Jannar 2005,